MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 1296/1991/2

**A**

**vs**

**Bmart A**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 6 ta' Dicembru 1991 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti ppartecipaw f'cerimonja ta' zwieg fid-29 ta' Gunju 1971 u z-zwieg taghhom gie registrat bin-numru 1306 tal-1971 (Dok "A");

Illi dan iz-zwieg huwa null billi l-kunsens tal-konvenuta kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali

taghha u b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi z-zwieg fuq imsemmi kuntrattat bejn il-partijiet huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa’ ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 16 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta tal-4 ta’ Marzu 1992 a fol. 20 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li mhuwiex minnu li z-zwieg huwa null minhabba r-ragunijiet allegati mill-attur fic-citazzjoni.

B’riserva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 20 u 21 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Franco Depasquale tal-1 t’April 1992; u tal-20 ta’ Mejju 1992.

Rat in-nota ta’ l-attur **A**datata 24 ta’ Gunju 1992 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu ta’ l-istess data.

Rat il-verbali quddiem din il-Qorti hekk diversament presjeduta tat-30 ta’ Gunju 1992; tal-10 ta’ Novembru 1992 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Joe Refalo bhala Perit Legali u lil Dr. Peter Muscat bhala Perit Psikjatriku; tal-5

ta’ Frar 1993; tal-5 ta’ Mejju 1993; tal-25 ta’ Gunju 1993; u tat-30 ta’ Novembru 1993 fejn wara li l-Perit Legali Dr. Joe Refalo nforma lill-Qorti li qed ikollu problemi biex jiffissa seduta mal-Perit Psikjatriku, il-Qorti ssostitwiet lill-istess Perit Psikjatriku b’Dr. George Debono bl-istess inkarigu u fakoltajiet moghtija.

Rat in-nota tal-konvenuta tat-3 ta’ Dicembru 1993 fejn permezz taghha nfurmat lill-Qorti li l-Perit Psikjatriku Dr. George Debono kien ghal xi zmien il-psikjatra kuranti taghha u fil-fatt jinsab imnizzel fil-lista tax-xhieda ta’ l-attur.

Rat il-verbali tal-15 ta’ Frar 1994 fejn dik il-Qorti rrevokat l-inkarigu ta’ Dr. George Debono u ssostitwietu b’Dr. Salvino Schembri Wismayer bhala Perit Psikjatriku bl-istess fakoltajiet u nkarigu moghtija; tat-22 t’April 1994; tal-10 ta’ Mejju 1994; tad-19 ta’ Mejju 1994 fejn il-Perit Legali nforma lill-Qorti li l-attur u d-difensur tieghu naqsu milli jattendu ghas-seduta minnu mizmuma. Gew iffissati zewg seduti ohra u l-Qorti rriservat li tiehu provvedimenti opportuni jekk l-attur jonqos li jressaq provi f’dawn is-seduti; u tal-14 ta’ Gunju 1994 fejn wara li l-Qorti giet infurmata li l-attur u d-difensur tieghu naqsu milli jattendu ghas-seduti msemmija, iddiferiet il-kawza *sine die*.

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat 17 ta’ Gunju 1994 fejn talab li l-kawza terga’ tigi riappuntata ghas-smiegh, liema talba giet milqugha mill-Qorti b’digriet tal-25 ta’ Jannar 1995 bl-intiza cara li jekk l-attur jonqos milli jidher il-kawza tigi kancellata.

Rat il-verbali tat-22 ta’ Marzu 1995; tal-25 t’April 1995; tal-20 ta’ Gunju 1995 fejn il-Perit Legali rega’ nforma lill-Qorti li qed isib problemi biex jiffissa seduti mal-Perit Psikjatriku; u tat-28 ta’ Gunju 1995.

Rat in-nota tal-Perit Legali u tal-Perit Psikjatriku datata 27 t’Ottubru 1995 fejn permezz taghha ndikaw il-hinijiet li fihom jistghu jigu ffissati seduti.

Rat ir-rikors ta' l-attur datat 29 ta' Settembru 1995 fejn talab lill-Qorti sabiex tissostitwixxi lill-Perit Psikjatriku *stante* li wara erba' snin ghadu ma sar xejn fil-kawza.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-1 ta' Dicembru 1995 fejn irriservat li tipprovdi fl-udjenza wara li jigi trattat.

Rat il-verbali tas-seduti tat-8 ta' Novembru 1995 fejn gew iffissati zewg seduti; tas-6 ta' Frar 1996 fejn *inter alia* inghad li *"Il-Qorti tiddeplora tali inezattezzi verbalizzati id-difesnuri, li ma' jaghmlux unur lill-professjonali legali … Il-Qorti ordnat komunika ta' dan il-verbal lil Dr. A. Libreri u Dr. Evelyn Caruana Demajo"*; tas-6 ta' Marzu 1995 fejn xehdu l-Psikjatra Dr. Joseph Pisani, Dr. Joseph Pullicino, Dr. Anthony Mangion, u t-tabib Lawrence Fenech. Dr. Refalo talab li jigi ezentat mill-inkarigu minhabba relazzjoni professjonali mad-difensur ta' l-attur, liema talba ntlaqghet mill-Qorti li nnominat minfloku lil Dr. Irene Bonello bl-istess inkarigu. Dr. Refalo rritorna l-inkartament tas-seduti minnu mizmuma; u tat-23 t'April 1996.

Rat in-nota ta' l-Avukat Dr. Libreri datata 23 ta' Frar 1996.

Rat ir-rikors ta' l-attur datat 29 t'April 1996 fejn talab li jkun jista' jharrek bhala xhieda lil Dr. Anton Mangion, Dr. George Debono u lil Dr. Abram Galea biex jixhdu dwar l-istat mentali tal-konvenuta, u lis-Supretendent ta' l-Isptarijiet San Luqa u Monte Carmeli biex jipproducu kopji awtentici tar-*records* medici tal-konvenuta.

Rat id-digriet tal-Qorti tas-27 ta' Mejju 1996 fejn irriservat li tipprovdi fl-udjenza wara li jigi trattat.

Rat il-verbali tat-18 ta' Gunju 1996 fejn il-Perit Legali nformat lill-Qorti li fis-seduta tal-31 ta' Mejju 1996 il-konvenuta ddikjarat li ezentat lit-Tabiba kuranti taghha mis-sigriet professjonali. In vista ta' dan il-Qorti ddikjarat li mhux ser tiehu aktar konjizzjoni tar-rikors ta' l-attur tat-29 t'April 1996; tal-4 ta' Dicembru 1996; tas-26 ta' Frar 1997; tat-12 ta' Marzu 1997 fejn a tenur ta' l-artikolu 669 tal-Kap 12 il-Qorti ordnat li l-attur jiddepozita mija u erbghin Lira

Maltin (Lm140) fir-Registru tal-Qorti biex jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez inkorsi mill-Perit Legali fl-espletar ta' l-inkarigu taghha.

Rat ir-rikors ta' l-attur datat 14 t'April 1997 fejn talab korrezzjoni fil-lista tax-xhieda tieghu, fis-sens li jithassar l-isem "Dr. Falzon" u minflok jidhol l-isem "Dr. Anton Mangion", filwaqt li talab ukoll li jkun jista' jharrek bhala xhieda lil Achille Mizzi, in-Nutar Carmelo Lia, Carmen Magri, Evelyn Grech, u Cloridda Caruana.

Rat il-verbali tat-30 t'April 1997 fejn b'referenza ghar-rikors ta' l-attur appena msemmi, Dr. Albert Libreri ddikjara li ma jopponix ghax-xhieda ta' Dr. Mangion. Il-Qorti tilqa' t-talba dwar ix-xhud Mangion u tirriserva li tipprovdi ulterjorment wara li l-attur ikun ghalaq ix-xhieda tieghu; tal-21 t'Ottubru 1997; tat-12 ta' Novembru 1997 fejn wara li Dr. Evelyn Caruana Demajo ddikjarat li ghalqet il-provi attrici hlief ghal dawk indikati fir-rikors tal-14 t'April 1997, il-Qorti awtorizzat is-smiegh ta' l-imsemmija xhieda li ghadhom ma xehdux.

Rat in-nota ta' l-attur datata 9 ta' Gunju 1997.

Rat ir-rikors tal-Perit Legali Dr. Irene Bonello datat 21 ta' Jannar 1998 fejn talbet li tigi ezentata milli tkompli tespleta l-inkarigu taghha *stante* mpenji ta' xoghol.

Rat il-verbali tal-4 ta' Marzu 1998 fejn il-Qorti laqghet it-talba tal-Perit Legali u ssostitwietha b'Dr. Mark Chetcuti bl-istess inkarigu u fakoltajiet; u tas-6 ta' Mejju 1998.

Rat ir-rikors tal-Perit Legali Dr. Mark Chetcuti datat 16 ta' Gunju 1998 li spjega li s-seduti jistghu jsiru biss wara nofsinhar, liema hin huwa diffikultuz ghalih, u ghaldaqstant talab li jigi sostiwit.

Rat il-verbali sussegwenti tal-14 t'Ottubru 1998 fejn il-Qorti laqghet it-talba u ssostitwiet lil Dr. Chetcuti b'Dr. Christopher Vella bl-istess inkarigu u fakoltajiet; tal-20 ta' Jannar 1999; tad-9 ta' Frar 1999; tas-17 ta' Marzu 1999; tat-12 ta' Mejju 1999; tat-23 ta' Gunju 1999; tal-14 ta' Lulju

1999; tat-22 t'Ottubru 1999; tal-10 ta' Dicembru 1999; tad-9 ta' Frar 2000; tat-8 ta' Marzu 2000; tal-10 ta' Mejju 2000; tal-11 t'Ottubru 2000; tas-6 ta' Dicembru 2000; tal-24 ta' Jannar 2001; tas-27 t'April 2001; tas-17 t'Ottubru 2001; tas-6 ta' Frar 2002; tat-13 ta' Marzu 2002; tat-12 ta' Gunju 2002 fejn xehdu bil-gurament il-partijiet. Dr. Evelyn Caruana Demajo ghall-attur iddikjarat li fadlilha zewg xhieda li huma s-*Social Worker* Joseph Camilleri – li segwa l-kaz fir-rigward ta' l-ulied – u lil Fr. Sacco li kien inkarigat mill-iskola fejn kienu t-tfal; u tad-19 ta' Gunju 2002 fejn xehdu l-imsemmija Fr. Alfred Sacco, Joseph Camilleri u l-konvenuta. L-attur iddikjara li m'ghandux aktar provi.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 3 ta' Lulju 2002 li permezz taghha ddikjarat li bhala provi fadlilha ttella' x-xhieda ta' Michelle Agius illum Amato, David Agius (ulied il-partijiet), Carmen Magri u Evelyn Grech (hut il-konvenuta) u taghmel kontro-ezami lill-attur.

Rat il-verbal tal-5 ta' Lulju 2002 fejn Dr. Albert Libreri b'referenza ghan-nota minnu pprezentata fit-3 ta' Lulju 2002, ippreciza li flok Evelyn Grech kellha tigi ndikata oht ohra tal-konvenuta. Il-Qorti ordnat lill-esperti nominati biex jisimghu x-xhieda kollha u jghaddu ghar-rapport.

Rat in-nota sussegwenti tal-konvenuta datata 19 ta' Lulju 2002 fejn indikat bhala xhud lil Doris Scicluna minflok ohtha Carmen Magri.

Rat il-verbali tad-9 t'Ottubru 2002; tal-15 t'Ottubru 2002; tat-12 ta' Dicembru 2002 fejn il-Qorti ordnat li jinghalqu l-provi u l-esperti mqabbda jestendu r-rapport; tal-10 ta' Jannar 2003 fejn xehdu Evelyn Grech u Michelle Amato. Dr. Evelyn Caruana Demajo ddikjarat li l-attur irrinunzja ghall-kontro-ezami ta' bintu u ta' wliedu l-ohra ghar-raguni li ghandu ghal qalbu l-gid taghhom u ma jridx li jgieghlhom jixhdu favur jew kontra xi genitur. Dr. Albert Libreri ghall-konvenuta ddikjara li m'ghandux aktar provi xi jressaq. Dr. Evelyn Caruana Demajo pprezentat nota t'osservazzjonijiet u erba' dokumenti ohra. Id-difensuri trattaw il-kawza. Il-Qorti awtorizzat lil Dr. Caruana

Demajo sabiex tirtira n-nota bid-dokumenti u tissostitwiha b'dokument aktar car, u pprefiggiet terminu ta' gimgha lil Dr. Libreri biex wara li jiehu konjizzjoni tal-process jipprezenta nota responsiva, wara liema l-periti gudizzjarju jkunu jistghu jirtiraw il-process u jestendu r-relazzjoni.

Rat in-nota ta' l-attur datata 17 ta' Jannar 2003 li permezz taghha esebixxa xi *transcripts* ta' *case sheets* ta' l-Isptar *Mount Carmel* relattivi ghall-konvenuta.

Rat il-verbal tat-28 ta' Jannar 2003 fejn l-esperti gudizzjarji kkonfermaw ir-rapport taghhom bil-gurament u taw kopja ta' l-istess lill-partijiet.

Rat in-nota ta' l-attur datata 31 ta' Jannar 2003 fejn talab li jigu appuntati periti perizjuri.

Rat il-verbali quddiem din il-Qorti <u>kif attwalment presjeduta</u> tas-26 ta' Marzu 2003; tal-20 Mejju 2003 fejn Dr. Evelyn Caruana Demajo talbet li teskuti lill-Perit Tekniku Dr. Saviour Schembri Wismayer. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li l-istess domandi ghandom isiru bil-miktub u jigu notifikati lill-istess perit ta' l-anqas xahar qabel id-differiment; tal-14 t'Ottubru 2003 fejn gew prezentati d-domandi in eskussjoni. Dr. Caruana Demajo obbligat ruhha li tinnotifikahom lill-Perit Psikatriku; tal-5 ta' Frar 2004 fejn l-espert psikjatriku nforma lill-Qorti li wiegeb ghad-domandi lilu maghmula, u pprezentahom ghat-tassazzjoni; tat-2 ta' Marzu 2004; tal-5 ta' Mejju 2004 fejn Dr. Saviour Schembri Wismayer ikkonferma bil-gurament ir-risposti tieghu; tal-4 ta' Novembru 2004; u tas-7 t'April 2005 fejn ma deher hadd u l-kawza giet differita ghal-lum 30 ta' Gunju 2005 ghal sentenza *in difett'ostacolo*.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali u l-Perit Psikjatriku, il-verbali tas-seduti minnhom mizmuma, inkluz ix-xhieda kollha quddiemhom prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentati.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-azzjoni attrici hija bbazata fuq id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi dan l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid li hemm nullita' taz-zwieg:-

***(d)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr. Renzo Porsella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' ***Viladrich***:-

*"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* (***Viladrich, P.J.***, **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated."** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics"* (***Viladrich, P.J.*****,** op.cit., *pg. 687).*

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra *sive* Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:-

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju –* ***artikolu 19 (1) (d)*** *– biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali* (**"Isabelle Zarb vs Stephen Attard"** – P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' nkompatibbilta' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu **(d)** ikompli jitkellem dwar *"anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*. *Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed*

*jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom."*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (**"Nicholas Agius vs Rita Agius gja' Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju 1995).

Illi kif inghad fis-sentenza **"Joseph Mizzi vs Pauline Mizzi"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *"discretio judicii"* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni*** meta sostna li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" … … richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che … … si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita"* (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero` kif gja' nghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena"* (***Pompedda, M.F.*****, "Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski"** – ***Pompedda – Zagglia*****,**

**“Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico”** (Padova, 1984), p. 46).

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **“Alessandra *sive* Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo”** (P.A. (VDG) 26 ta’ Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fis-sens ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *“fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b’mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta’ hsieb, nuqqas ta’ riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma’ diskrezzjoni ta’ gudizzju”* (ara, **“Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri”**, P.A., 10 ta’ Novembru 1995).

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *“Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju”* (**“Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt”**, P.A., 15 ta’ April 1996).

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f’dan is-sens fost ohrajn, **“Jacqueline Cousin vs Bernard Simler”**, P.A., 3 ta’ Gunju 1998; **“Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar”,** P.A. 19 ta’ Ottubru 1998; u **“Carmelo Grima vs Mary Andrews”**, P.A., 2 ta’ Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta’ diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta’ gudizzju tikkonsisti f’zewg elementi distinti izda konkorrenti w interdipendenti:-

*“La piena avvertenza e il deliberato consenso … …  La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva.  In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … …  La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all’ atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro.  La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore.  Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)”* (***Bersini, F.*****, “Il Diritto Canonico Matrimoniale.”** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta’ diskrezzjoni biex wiehed ikun jista’ jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*“Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra’ essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti.  Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all’ assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l’ esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti.  Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente*

*uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio"* (ibid. pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja' gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li nghad li:-

*"… … se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole"* (***Pompedda, M.F.*****, "Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrikjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibbilta` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibbilta` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *"di intendere e/o di volere". "L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale",* kif jghid ***Bersini***, *"rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso"* (op. cit., *p. 99).*

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics"* (***Viladrich, P.J.***, op. cit., p. 687).

Illi ta’ l-istess portata huma s-sentenzi **“Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee’ Sultana”** (P.A. (VDG) 17 ta’ Novembru 2000 u **“BGalea vs John Walsh”,** (P.A. (VDG) tat-30 ta’ Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk f’dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *“the community of life and love”.*

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **“Nathalie O’Toole vs Patrick O’Toole”** (P.A. (N.A.) 25 ta’ Marzu 2002) fejn inghad li:-

*“Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe’ li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.”*

Illi kif inghad fis-sentenza **“Al Chahid vs Mary Spiteri”** (P.A. (RCP) 5 ta’ Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhalma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f’diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **“Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri”** (P.A. (RCP) 17 ta’ Frar 2000); **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** (P.A. (RCP) 9 ta’ Marzu 2000); **“Ousama**

**Sadalah vs Doris Tanti”** (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000); **“Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine”** (P.A. (RCP) 8 ta’ Novembru 2000); **“Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro”** (P.A. (RCP) l-1 ta’ Frar 2001); **“Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea”** (P.A. (RCP) 22 ta’ Marzu 2002); **“Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002); **“Marco Tanti vs Catherine Azzopardi”** (P.A. (RCP) 30 ta’ Mejju 2002); u **“Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia”** (P.A. (RCP) 29 ta’ Mejju 2002) fost ohrajn u l-istess principji legali gew esposti bejn tajjeb mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu

## (ii) Apprezzament tal-Provi.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet iltaqghu fl-ahhar ta’ Settembru 1969 u zzewgu f’anqas minn sentejn. Il-verzjoni tal-partijiet hija elenkata minn fol. 363 sa fol. 367 tar-relazzjoni peritali ta’ l-esperti nkarigati mill-Qorti li ghaliha qed issir riferenza.

Illi fi ftit kliem l-attur jallega li l-konvenuta kienet qed tbaghti minn anomalija psikologika li kienet taghmilha mpossibbli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijet taghha fiz-zwieg. Prova ta’ dan ingab il-fatt li fiz-zwieg il-konvenuta sofriet diffikultajiet serji sabiex tlahhaq mal-hajja u problemi familjari u giet rikoverata l-isptar ghal diversi attakki li l-espert psikjatriku ddeskriva bhala ta’ *mania.* Pero’ gie sostnut li ghalkemm il-konvenuta ma kenitx marida qabel iz-zwieg *“il-personalita’ taghha hija hypomaniac personality”* varjeta’ ta’ *“Cycothymetic personality”* u li persuna ta’ dan it-tip meta tigi taht pressjoni mentali *“tista’ tizviluppa marda ta’ ‘mania’ li hija fazi ta’ ‘affective psychosis’ jew ‘manic depressive psychosis’.”*

Illi l-istess espert psikjatriku kkonkluda li *“ghalkemm l-istess konvenuta ma kenitx affetta minn ‘manic depressive psychosis’ jibqa’ l-fatt illi kif ghidna fil-bidu l-personalita’ tal-konvenuta hija dik ta’ hypomaniac personality bhala varjeta’ ta’ cyclothymic personality li fiha nfisha hija*

*kundizzjoni u mhux marda … pero' persuna b'din il-personalita', bhal fil-kaz ta' differenza bejn bniedem superficjali u iehor profond, jista' jkun hemm l-istess varjeta' fl-ammont ta' nuqqas ta' diskrezzjoni."*

Illi fil-fatt fir-rapport peritali jidher li l-istess esperti ghamlu enfasi li l-konvenuta ma kenitx qed tbaghti minn mard mentali li jivvizzja l-kunsens, izda waslu sabiex ikkonkludew li l-kundizzjoni taghha twassalhom ghall-konkluzjoni li l-konvenuta kien affetta minn immaturita' affettiva li tirrendi z-zwieg taghha null, ovvjament ghaliex il-kunsens taghha kien vizzjat.  Skond l-istess esperti dan gie manifestat mill-fatt li l-istess konvenuta tul iz-zwieg kollu sofriet mhux ftit sabiex tlahhaq mal-hajja tal-familja tant li kellha tircievi kura diversi drabi.  L-istess esperti jsostnu li l-konvenuta kkontradixxiet lilha nfisha meta qalet li ghall-ewwel snin kienet kuntenta fiz-zwieg ghaliex fil-fatt wara tliet ijiem miz-zwieg kienet marret lura ghand ommha.  Hija tilfet ir-razzjonalita' taghha f'mumenti ta' *stress* u gie ndikat li kienet qed issofri minn *affective disorder;* kawza ta' liema ma setghetx tlahhaq mat-trobbija ta' wliedha stess, tant li kellhom jigu rekoverati ghall-kura f'istituti.

Illi din il-Qorti tosserva li, apparti li thoss li l-konkluzjoni raggunta mill-istess periti, partikolarment f'paragrafu 2 ta' fol. 369 huma konfliggenti ghal dak li qalu l-istess esperti f'paragrafu 367 u 368 tal-process, mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess konvenuta kienet effettivament qed tbaghti minn kundizzjoni fil-personalita' taghha, li anke jekk ma hijiex marda mentali (almenu jekk wiehed jiehu l-ispjegazzjoni ta' dak kontenut fir-rapport peritali a fol. 366 u 367 tal-process) hija tali li jista' jinghad li tammonta ghall-anomalija psikologika li taghmilha mpossibbli ghall-istess konvenuta li taqdi l-obbligazjonijiet taghha taz-zwieg.  Ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti dak li allega l-attur gie ppruvat, anke ghaliex l-anomalija psikologika ma' tfissirx necessarjament li persuna tkun marida mentalment – enfasi li ghamlu l-esperti tal-Qorti b'riferenza ghal dak huma stess indikaw bhala mard mentali – ghaliex huwa bizzejjed li jkun hemm vizzju ta' kunsens jekk l-istess persuna tkun fil-mument taz-zwieg tbaghti minn anomalija

psikologika tali li trendi lill-istess persuna inkapaci li tosserva u taqdi l-obbligazzjonijiet taghha taz-zwieg. F’dan il-kaz din il-Qorti thoss li dan gie ampjament ippruvat ghax skond l-istess espert psikjatriku nnominat mill-Qorti l-konvenuta kienet tbaghti minn *‘Hypomaniac personality’* li jaffetwalha d-diskrezzjoni f’dak li huwa sejjah bhala *“immaturita’ affettiva”.* Din fil-fehma tal-Qorti tammonta ghal anomalija psikologika skond it-termini ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255**, u dan apparti l-konkluzjoni tal-periti nominati mill-Qorti a bazi ta’ l-istess sub-artikolu.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta **tilqa’ t-talba attrici biss fis-sens hawn deciz,** b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi z-zwieg fuq imsemmi kuntrattat bejn il-partijiet fid-29 ta’ Gunju 1971 huwa null u bla effett u dan *stante* li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat a bazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

Bl-ispejjez jinqasmu bejn iz-zewg partijiet minhabba n-natura tal-kaz.

Illi *inoltre* minhabba li l-partijiet abbuzaw b’mod mill-aktar palez mill-proceduri quddiem din il-Qorti diversament presjeduta (u dan huwa rifless minn meta giet appuntata din il-kawza mill-istess Qorti b’ordni tal-5 ta’ Frar 1992 sa l-ahhar differiment quddiemha tal-31 ta’ Jannar 2003) mill-mod kif l-istess partijiet ressqu l-provi taghhom fejn damu snin twal biex ghamlu dan u dan minkejja d-diversi rikjami tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Franco Depasquale, rikjami li anke nvolvew l-avukati tal-partijiet, fejn jidher ukoll li saru diversi seduti quddiem il-Perit Legali u Psikjatriku ghalxejn, b’dan li bla dubju l-istess partijiet tawlu s-smiegh tal-kawza bla bzonn. In vista ta’ dan kollu din il-Qorti b’applikazzjoni tal-**paragrafu 10 tal-Iskeda “A” tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** tordna kemm lill-attur u kemm lill-konvenuta jhallsu s-somma ta’

hames mitt lira Maltin (Lm500) kull wiehed bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlas ghandu jsir fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------